# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# UFFIĊJAL REVIŻUR

## MAĠISTRAT
## DR.  JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju 2024**

**Rik Nru: 85/2024**
**Nru fuq il-Lista: 6**

**Michael Piccinino (K.I. 0164595M)[1]**

**vs**

**Shayanne Pace (K.I. 0193405L) u l-Kummissjoni Elettorali**

**L-Uffiċjal Reviżur;**

Ra r-rikors promotur mressaq fis-26 ta' April 2024[2] fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li sseħħ korrezzjoni fir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, ir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Kunsilli Lokali u r-Reġistru Elettorali rivedut tal-Unjoni Ewropea fis-sens li Shayanne Pace tiġi reġistrata fil-post fejn tgħammar u ċioé 21, Quartidi, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal-

---

[1] Tajjeb jingħad li inizjalment ir-rikors ġie mressaq mir-rikorrent kemm f'ismu personali u kif ukoll fil-kwalita' tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista. Madanakollu, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024, ir-rikors fit-tieni kwalitá rappreżentattiva premessa ġie rtirat u nżamm ferm biss sakemm magħmul minn Michael Piccinino f'ismu personali biss.
[2] A fol 1 tal-proċess.

Qormi u mhux ġewwa Binja Silvio Parnis, Fl 233, Triq it-Tabib Nikol Zammit, is-Siġġiewi.

Ra d-digriet tiegħu tat-2 ta' Mejju 2024[3].

Ra r-rikors tal-Avukat Ramona Attard f'isimha proprju u fil-kwalita' tagħha ta' President u in rappreżentanti (*recte:* rappreżentanza) tal-Partit Laburista, mressaq fit-13 ta' Mejju 2024[4], permezz ta' liema intalab li l-istess Partit jintervjeni f'dawn il-proċeduri,

Ra d-digriet tiegħu tal-14 ta' Mejju 2024[5].

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024[6], fejn ġiet miċħuda t-talba għall-intervent tal-Partit Laburista[7], Dr. Karol Aquilina rtira r-rikors sa fejn dan kien magħmul mir-rikorrent fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista[8], u nstemgħet ix-xhieda ta' Michael Piccinino, Reuben Bonnici, Andrew Xuereb, Joseph Rivans u Savio Borg. Dakinhar ir-rikors tħalla għall-provvediment għal-lum.

Ra li Shayanne Pace, għalkemm debitament notifikata, naqset milli tattendi għas-seduta.

Ra l-atti kollha.

---

[3] A fol 3 tal-proċess.
[4] A fol 13 tal-proċess.
[5] A fol 16 tal-proċess.
[6] A fol 18 tal-proċess.
[7] Irid jingħad li ma deher ħadt fis-seduta sabiex dan ir-rikors jiġi trattat. Tassew, l-Uffiċjal Reviżur kien jippretendi li jekk min talab l-intervent ma kienx aktar interessat f'dawn il-proċeduri (possibbilment minħabba numru ta' sentenzi li ngħataw fir-rigward mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Mejju 2024), l-anqas li seta' jagħmel kien propju li jirtira r-rikors.
[8] Ara notament enumerat wieħed.

**Ikkunsidra**

Illi qabel xejn jiġi senjalat li għad li Shayanne Pace għażlet li ma tidhirx għas-seduta, għalkemm debitament notifikat, l-Uffiċjal Reviżur sab li għandu jisma' l-provi u mhux jgħaddi dak il-ħin stess għal deċiżjoni fil-kontumaċja tagħha. Tassew, għalkemm l-artikolu 13(8) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta. jippermetti li dan isir, l-istess artikolu jitkellem dwar rikors għat-tneħħija ta' elettur mir-Reġistru (li m'huwiex il-każ tal-lum) u fi kwalunkwe każ, l-għażla tal-Uffiċjal Reviżur li jmexxi b'dak il-mod tibqa' waħda diskrezzjonali.

Illi x-xhieda f'dawn il-proċeduri kienet is-segwenti.

Illi xehed ir-rikorrent Michael Piccinino[9] fejn dan stqarr li huwa elettur reġistrat, li għandu karta tal-identità valida, u li ilu ħajtu kollha jgħix Malta u li jirrisjedi b'mod permanenti hawn Malta.

Illi xehed ukoll Reuben Bonnici, rappreżentant ta' ARMS Limited[10]. Huwa spjega li dwar il-fond in kwistjoni, ċioe Flat 223, l-kont relattiv ġie magħmul fis-6 ta' Mejju 2024, il-meter tad-dawl weħel fit-8 ta' Mejju 2024 u dak tal-ilma weħel fis-7 ta' Mejju 2024. Il-kont infetaħ fuq ċertu Malita Investments plc. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

Illi xehed ukoll Andrew Xuereb, rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar[11]. Spjega li l-Awtorità kienet daħlet f'*promise of allocation agreement* ma Mary u Jeffrey Pace, li jiġu l-ġenituri ta' Shayanne Pace, fit-13 ta' Ottubru 2021. Il-kuntratt ta' kera għadu ma sarx.

---

[9] Xhieda relattiva tibda a fol 20 tal-proċess.
[10] Xhieda relattiva tibda a fol 21 tal-proċess.
[11] Xhieda relattiva tibda a fol 25 tal-proċess.

Illi xehed ukoll Joseph Rivans, rappreżentant ta' Aġenzija Identità' Malta[12]. Dan spjega li saret applikazzjoni għal-karta t'identità iżda din ma ngabritx. Ġie nnotat li hemm żball fid-data tal-applikazzjoni li x'aktarx hija d-data tat-twelid ta' Shayanne Pace u mhux id-data tal-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet eżebita.

Illi finalment xehed ukoll Savio Borg, bħala rappreżentant tal-Kummissarju Elettorali[13]. Jispjega li huma rċevew applikazzjoni ta' Shayanne Pace fil-10 ta' April 2024. L-applikazzjoni tintbagħat minn Aġenzija Identità. Għalkemm l-applikazzjoni ssemmi bidla minn 10, Quartidi, Triq l-Isqof Scicluna, ix-xhud stqarr li dak jista jkun żball.

**Ikkunsidra**

Illi dan tal-lum huwa provvediment mressaq skond l-artikolu 40 tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta. Tajjeb mill-ewwel jingħad, anke għaliex it-talba trid it-tibdil ukoll fir-Reġistru Elettorali għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew li t-tiswija jgħoddu bl-istess mod[14]. L-artikolu 40, jippermetti lil kull elettur reġistrat (dan huwa l-unika element neċessarju) li jitlob it-tħassir jew tibdil fil-partikolaritajiet ta' elettur ieħor, mir-Reġistru. B'hekk jiġi li l-persuni involuti f'dawn il-proċeduri huma l-elettur appellant, il-Kummissjoni Elettorali u l-persuna kontra min ikun sar ir-rikors[15].

---

[12] Xhieda relattiva tibda a fol 27 tal-proċess.
[13] Xhieda relattiva tibda a fol 34 tal-proċess.
[14] Ara f'dan is-sens dak li jrid u jgħid l-artikolu 7 tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 13(2) tal-Kapitolu 467 tal-Liġġjiet ta' Malta.
[15] Dawn huma n-nies li għandu jisma l-Uffiċjal Reviżur qabel ma jiddeċiedi appell. Fost oħrajn, issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet **Michael Piccinino *pro et noe* vs Kylie Mifsud *et*,** (App Ċiv Nru: 73/2024/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Mejju 2024 fejn ingħad hekk: "*Tassew minn kliem l-Artikolu 41(1) jinżel ċar li l-partijiet li għandhom jedd illi jinstemgħu mill-Uffiċjal Reviżur huma: (i) l-appellant li jkun qed jitlob il-bdil fir-reġistru elettorali4 ; (ii) il-Kummissjoni Elettorali li bil-liġi hija responsabbli miż-żamma tar-reġistri elettorali; u (iii) il-persuna li kontriha jkun sar l-appell, jekk kemm-il darba l-appell ikun tressaq minn elettur reġistrat kontra elettur reġistrat ieħor.*

Illi jerġa jingħad lir-rikors hawn issa eżaminat qiegħed isir biss mir-rikorrent f'ismu propju, wara l-irtirar tar-rikors fil-kwalità rappreżentattiva tiegħu magħmula fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024. Kien propju għalhekk li l-Uffiċjal sema' r-rikorrent jikkonferma li huwa għandu r-rekwiżiti meħtieġa kollha t'elettur reġistrat[16].

Illi mill-provi jirriżulta ampjament ċar lit-talba tar-rikorrent għandha tintlaqa. Tassew, dawn il-proċeduri kienu tfakkira ta' kemm hija siewja dik il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li tgħid li l-prova tar-Reġistru Elettorali (bħala prova ta' residenza) m'hijiex waħda deċiżiva u trid dejjem tiġi verifikata[17], kif kellu jsir fil-każ tal-lum. Huwa ovvju li l-fond indikat fir-Reġistru Elettorali ma jistax jitqies bħala r-residenza ordinarja ta' Shayanne Pace[18]. Ir-relazzjoni mal-Awtorità tad-Djar f'dan il-każ kienet mal-ġenituri tagħha, li lanqas biss għandhom kuntratt ta' kera f'Binja Silvio Parnis. Mill-atti jirriżulta li Shayanne Pace tgħix mal-ġenituri tagħha, u ġiet notifikata hemmhekk. Għalkemm jirriżulta

---

[16] Fost oħrajn, l-Uffiċjal Reviżur jagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Michael Piccinino *pro et noe* vs Raisa Agius *et,*** (App Ċiv Nru: 51/2014/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Mejju 2024. Referenza ssir ukoll għall-artikolu 15 tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 10 u 11 tal-Kapitolu 467 tal-Liġijiet ta' Malta

[17] Fost oħrajn, l-Uffiċjal Reviżur jissenjala dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Katald Galea vs Denise Galea,** (App Nru 16/2010), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-21 ta' Ottubru 2016 fejn intqal hekk: *"Ir-residenza ordinarja trid tirriżulta minn sensiela ta' fatti ppruvati, bħal dawk li għadhom kif issemmew, li iżda fil-kisba tagħha ma hemm xejn awtomatiku. Ghalhekk, il-fatt, li persuna jkollha dokumenti li 'prima facie' jattestaw konnessjoni taghha mal-fond, bhal inkluzjoni fir-Registruv Elettorali, ir-registrazzjoni tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u mal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig mhumiex prova inkonfutibbli ta' residenza. Huwa pacifiku li r-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista' tkun koroborrattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konklussiva."* Similment issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Charles Grech *et* vs Cecil Herbert Jones,** (App Ċiv Nru: 1267/2007) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fejn intqal hekk: *"Evidentement in-nuqqas ta' konsum tad-dawl u l-ilma juri li ma kien qed isir l-ebda użu simili mill-fond in kwistjoni wara l-mewt ta' omm il-konvenut appellant u għalhekk xejn ma jiswa li skont ir-Reġistru Elettorali l-konvenut appellant kien jidher imniżżel fuq tali fond."*

[18] Għal tifsira akkurata ta' dan it-terminu, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Pace *et* vs Charles Grech,** (App Ċiv Nru: 106/1998/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-22 ta' Novembru 2002.

li fl-applikazzjoni manwali ġie mniżżel numru ieħor bi żball, mid-dokument uffiċjali tal-Aġenżija Identita[19] jirriżulta li l-indirizz korrett huwa dak imsemmi fir-rikors promotur.

Illi b'hekk l-Uffiċjal Reviżur isib lit-talba għandha u qiegħda tintlaqá.

Għaldaqstant l-Uffiċjal Reviżur qiegħed jiddeċiedi dan ir-rikors billi jilqa' t-talba tar-rikorrent u b'hekk jordna li l-Kummissjoni Elettorali tbiddel, fir-Reġistri Elettorali kollha tal-20 ta' April 2024, l-indirizz ta' Shayanne Pace (K.I. 0193405L) minn Binja Silvio Parnis, Fl 233, Triq it-Tabib Nikol Zammit, is-Siġġiewi għal 21, Quartidi, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal-Qormi.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Uffiċjal Reviżur

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[19] Ara fol 33 tal-proċess.